Kunsill Lokali Ħal Balzan

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Balzan

# ID-DISA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 62

Data tal-laqgħa: 11 ta' April 2023

Il-Kunsilli Lokali Ħal Balzan iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 7/9, Triq Dun Spir Sammut, Ħal Balzan, fl-4.00 ta' filgħaxija.

### PREŻENTI:

Dr Angelo Micallef – Sindku (AM)
Mary Louise Briffa – Viċi Sindku (MLB)
Stephen Gatt - Kunsillier (SG)
Andrè Grech – Kunsillier (AG)
Dr Oliver Nicholas De Gaetano – Kunsillier (ONDG)

### ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Ma kien hemm ebda membru assenti b'apoloġija.

### ASSENTI:

Ma kien hemm ebda membru assenti.

### UFFIĊJAL PREŻENTI:

Doriette Farrugia – Segretarju Eżekuttiv (SE)

## Minuti

Is-Sindku, AM ippresjeda l-laqgħa.

## 62.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija

62.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

## 62.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

62.2.1 Is-SE ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-Minuti ta' Laqgħa Nru. 60 u Laqgħa Urġenti Nru. 61. Kopja tal-minuti ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

62.2.2 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti. Fuq proposta tal-Kunsillier ONDG, li kien issekondat mill-Kunsillier SG, il-minuti ta' Laqgħa Nru. 60 ġew approvati.

62.2.3 Aktar tard fil-laqgħa, kif waslet il-Viċi Sindku għal-laqgħa, fuq proposta tagħha, li kienet issekondata mill-Kunsillier SG, ġew approvati il-minuti ta' Laqgħa Urġenti Nru. 61.

## 62.3 Punti li joħorġu mill-Minuti

62.3.1 Para 60.3.1 - Bozoz ma jixgħelux f'Wied Ħal Balzan

Is-SE infurmat li din il-bozza kienet tneħħiet mill-Enemalta fuq talba tar-resident mingħajr ma konna nfurmati. Is-SE qalet li issa ġie ffirmat *agreement* mas-sid, fejn qed jaċċetta li l-bozza terġa' teħel fejn kienet meta jlesti mix-xogħol.

62.3.2 Para 60.3.2 – GoTo *reserved parking bays*

Is-SE infurmat li TM m'għandhomx aktar informazzjoni fuq il-kwistjoni legali pendenti. Is-Sindku talab li niktbu lill-AKL forsi għandhom xi tip ta' informazzjoni.

62.3.3.1 Para 60.3.3 – Kwotazzjonijiet għax-xiri ta' *power wash*

Għad irridu niċċekkjaw ma' Kunsilli oħra biex naraw x'azzjoni qed jieħdu fuq il-problema tal-ħamiem.

62.3.3.2 Is-SE infurmat li għandna approvazzjoni mis-sidien biex jiġu installati silos fuq il-bejt tal-Għassa u l-Każin tal-Futbol. Il-Każin tal-Banda San Gabriel m'approvawx, filwaqt li l-Każin tal-Banda Filarmonika MA ma taw l-ebda risposta.

62.3.4 Para 60.3.4 - Taxi stand quddiem il-Corinthia

Is-SE infurmat li għadna mingħajr risposta.

62.3.5 Para 60.3.5 - *Reverse Vending Machines*

Is-Sindku infurma li għad trid tiġi ffissata laqgħa mal-BCRS.

62.3.6 Para 60.3.6 – *Speed tables*

Is-SE infurmat li l-applikazzjoni ntbagħtet u qed nistennew risposta.

**F'dan il-ħin (4.15pm) daħlu l-Viċi Sindku MLB u l-Kunsillier AG għal-laqgħa.**

62.3.7 Para 60.5.1 – *Malta Railway*

Il-Kunsillier SG ser jagħmel kuntatt maċ-Chairman.

62.3.8 Para 60.11 – Bankina fi Triq San Franġisk

Is-SE infurmat li għadna qed nistennew il-kwotazzjonijiet.

62.3.9.1 Para 60.12 – *Bollards* / Bankina fi Pjazza Bertu Fenech

Dwar il-*bollards* faċċata tal-Każin tal-PN, is-SE infurmat li applikajna ma' TM biex tiġi installata oħra.

62.3.9.2 Dwar il-bankina ta' quddiem Kola Store, is-SE infurmat li fil-passat il-Kunsill kien applika biex isiru *parking bays* fuq il-bankina u mhux biex isiru l-*parking bays* minflok il-bankina.

62.3.9.3 Ġiet innutata ittra mibgħuta mis-sidien ta' Kola Store dwar il-wisa' tal-bankina quddiem il-ħanut. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li niktbu lill-TM dwar il-possibiltà li tidjieq il-bankina biex isiru żewġ *parking bays*.

62.3.10 <u>Para 62.12.2 - Ċirkulari Nru 4/2023 – Proġett ta' *School Grannies*</u>
Is-SE infurmat li għalissa dan il-proġett huwa miftuħ għal skejjel tal-Gvern.

62.3.11 <u>Para 60.13.10 - *Electric charging pillars*</u>
L-Aġenzija tal-Enerġija u l-Ilma infurmawna li ser jinkludu s-sit propost (Wied Ħal Balzan k/m Triq it-Tliet Knejjes) fil-lista ta' siti pontenzjali għal valutazzjoni teknika.

62.3.12 <u>Para 60.13.9 - *Traffic Island* f'Wied Ħal Balzan k/m Triq il-Kbira</u>
WSC infurmawna li din il-problema ma taqax taħt ir-responsabbiltà tagħhom peress li hija relatata mal-immaniġġjar tal-ilma tax-xita. Se niċċekkjaw mal-Perit dwar jekk hux possibbli li jsir xi gandott fit-*traffic island* biex l-ilma jkollu aktar *flow*.

62.3.13 <u>Para 60.13.8 - *Traffic Island* fi Triq il-Kannizzata k/m Triq Birbal</u>
Is-SE infurmat li għadna qed nistennew risposta mingħand il-Perit.

## 62.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

62.4.1.1 <u>Permess ta' *trenching* fi Vjal Sir M A Refalo, Triq Birbal u Triq San Franġisk</u>
Is-Sindku infurma lill-Kunsill b'talba għal permess biex isir *trenching* mill-Enemalta. Qed jiġi ppjanat li x-xogħol se jdum għaddej għal madwar tliet (3) xhur, fejn talbu li jneħħu l-*parking* ta' naħa waħda tul Triq il-Ferrovija l-Qadima biex tintuża bħala *diversion*. Il-Kunsill m'approvax li jitneħħa l-*parking* għal dan iż-żmien kollu.

62.4.1.2 Se ssir laqgħa ma' TM u l-Enemalta sabiex tinstab soluzzjoni dwar kif se ssir id-*diversion*.

## 62.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

62.5.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet tal-Kunsilliera.

## 62.6 L-Ittra ta' Direzzjoni 2022 u r-Risposta tal-Kunsill

62.6.1 Is-SE qiegħdet fuq il-mejda tal-Kunsill l-Ittra ta' Direzzjoni 2022 u r-risposta ssuġġerita tal-Kunsill. Kopja ta' dawn ingħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

62.6.2 Fuq proposta tal-Kunsillier SG, li kien issekondat mill-Kunsillier ONDG, ir-risposta għall-Ittra ta' Direzzjoni ġiet approvata unanimament.

## 62.7 Rapporti

62.7.1.1 <u>Rapport Finanzjarju għal-ewwel kwart minn Jannar sa Marzu 2023</u>
Is-SE ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill ir-Rapport Finanzjarju għall-ewwel kwart li jkopri l-perjodu minn Jannar sa Marzu 2023. Kopja ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa. Is-SE tat xi spjegazzjonijiet lill-Kunsill.

62.7.1.2 Fuq proposta tal-Viċi Sindku MLB, li kienet issekondata mill- Kunsillier AG, dan ir-rapport ġie approvat unanimament.

## 62.8 Vakanza ta' Skrivani (Skala 15)

62.8.1 Is-SE infurmat li l-kandidat li ġiet fl-ewwel post irrifjutat il-kariga u għalhekk il-post vakanti (Skrivan Skala 15 *Back-to-back*), se jiġi mimli mill-persuna li ġiet fit-tieni post, is-Sa Ingrid Scerri u se tibda fl-1 ta' Mejju 2023.

## 62.9 Skemi Finanzjarji

62.9.1 <u>Għajnuna Finanzjarja mir-Reġjun Tramuntana – Libreriji</u>
Is-SE infurmat li l-erba' (4) *e-readers* inxtraw. Is-SE qalet li baqa' bilanċ ta' kważi €2K biex jinxtraw l-*e-books.* Kien hemm qbil li jsir abbonament għal *kindle unlimited* għal 6 xhur / sena u naraw kif imorru.

62.9.2 <u>Ċirkulari Nru SPI/SCI/01/2023 – Skema għall-Attivitajiet Kulturali Annwali 2023/2024</u>
Il-Viċi Sindku tat xi informazzjoni dwar l-attività ta' Jum San Valentin għas-sena 2024. Kien hemm qbil li, jekk jingħatawlna fondi, l-attività ssir fis-17 ta' Frar 2024. Il-Viċi Sindku se tgħaddi t-tagħrif kollu lis-SE sabiex tkun tista' tħejji l-applikazzjoni.

## 62.10 *Traffic Management* fi Triq il-Ferrovija l-Qadima u l-madwar

62.10.1 Is-Sindku ta *update* fuq il-laqgħa li saret mat-*Traffic Management Consultant* tar-Reġjun, fejn bażikament ħareġ li jekk it-triq issir *one-way,* tinħoloq problemi akbar f'diversi toroq oħra. F'dan ir-rigward, peress li din il-problema mhix xi ħaġa li tista' tissolva mill-Kunsill waħdu, kien hemm qbil li niktbu lill-TM u kopja lill-PA.

62.10.2 Is-Sindku qal li saret laqgħa mat-TM dwar pjan nazzjonali fuq *sustainable mobility,* fejn ġejna mitluba nidentifikaw il-problemi kurrenti, u din il-kwistjoni ġiet imsemmija.

## 62.11 Dawl dekorattiv quddiem il-kappelli fi Triq it-Tliet Knejjes

62.11.1 Is-Sindku semma siti storiċi li jiġu mixgħula b'dawl dekorattiv, u ssuġġerixxa li nibdew nixgħelu l-faċċata tal-kappelli fi Triq it-Tliet Knejjes b'dan il-mod.

62.11.2 Il-Kunsill qabel u ser niċċekkjaw mal-*electrician* jistgħux isiru xi *spotlights* (li jibdlu l-kulur) bħal m'għandna fil-bandli.

62.11.3 Il-Kunsillier SG semma li l-kampnar tal-Knisja Parrokkjali fil-passat kien jiġi mixgħul u għal xi raġuni issa m'għadux. Din il-kwistjoni se tiġi ċċekkjata.

## 62.12 Ilmenti u *Items* oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill

62.12.1.1 <u>Kuntratt tal-kiri tal-vann</u>
Is-SE infurmat li l-kuntratt tal-kiri tal-vann li jintuża mill-ħaddiema tal-Kunsill se jagħlaq fil-bidu ta' Lulju 2023. Is-SE qalet li skond il-kuntratt, il-vann jista' jinxtara għas-somma ta' €5,000 (VAT eskluż).

62.12.1.2 Il-Kunsill unanimament approva li kif jagħlaq il-kuntratt jixtri l-vann.

62.12.2.1 <u>Sit fi Triq il-Ferrovija l-Qadima k/m Vjal il-Bon Pastur</u>
Is-SE infurmat lis-sid qed jistaqsi dwar min suppost jagħmel ir-*re-instatement* tal-parti tat-triq fejn qabel kienet parti mill-proprjetà, issa li tlesta l-kostruzzjoni tal-binja. Apparti minn hekk, qed jitlob li jsir xi ħaġa għax skond hu qed jidħlilhom l-ilma tax-xita fil-garaxxijiet.

62.12.2.2 Fuq parir tal-perit tal-Kunsill, is-SE infurmat li kitbet lill-IM dwar dan peress li Triq il-Ferrovija l-Qadima kienet saret minnhom, u qed tistennew risposta.

62.12.3 <u>Tnedija tal-ktieb *'A Journey in Balzan'*</u>
Il-Kunsillier SG issuġġerixxa li ssir tnedija tal-ktieb. Il-Kunsill alloka s-somma ta' €500 biex tiġi organizzata attività għat-tnedija uffiċjali tal-ktieb.

## 62.13 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

62.13.1 Is-SE ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti nru. 04/23, li tinkludi l-ammont ta' €174.57c bħala *Petty Cash* għax-xahar ta' Marzu 2023.

62.13.2 L-iskeda ta' pagamenti kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Kunsillier SG, li kien issekondat mill-Kunsillier ONDG. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet.

## 62.14 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

62.14.1 Il-laqgħa ntemmet fil-5.20pm.

62.14.2 Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar it-Tlieta, 16 ta' Mejju 2023 fl-4.00pm.

Konfermati, illum it-Tlieta, 16 ta' Mejju 2023.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Dr Angelo Micallef<br>Sindku | Doriette Farrugia<br>Segretarju Eżekuttiv |